**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 31 ta' Jannar, 2024

Rikors Ġuramentat Numru: 134/21AL
*Fl-ismijiet*:

**A B detentriċi tal-karta tal-identita numru: 278372(M)**
**vs**

**Dr Jason Grima u PL Veronica Rossignaud nominati b'digriet tad-29 ta' April 2021 bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ:40/13)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] li permezz tiegħu ppremettiet :

[1] Fol 1-2

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-3 ta' Jannar 2015 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel bl-isem D B li twieled fis-26 ta' April 2014 u ghalhekk ghadu minorenni;
2. Illi l-hajja konjugalki bejnil-partijiet giet reza impossibbli minhabba ragunijiet li huma unikament imputabbli lill-intimat, fosthom, izda mhux limitatament minhabba adulterju, abbandun totali u qerq da parti tal-istess intimat assenti;
3. Illi l-istess intimat m'ghadux fil-gzejjer Maltin u ghalhekk il-kawza odjerna qed issir kontra kuraturi deputati sabiex jirrapprezwentawh fl-assenza tieghu;
4. Illi r-rikorrenti m'ghandix indikazzjoni ta'indirizz tal-istess intimat assenti;
5. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx u ghaldaqstant, ir-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet datat 4 ta' Mejju, 2021, Dok. LT2 anness.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat ddekada mid-dritt tieghu tal-manteniment,

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-attrici rikorrenti dik ir retta alimentarja skont il-ligi kemm ghalija kif ukoll ghat-tifel minuri taghhom liema manteniment ghandu jinkludi l-ispejjeż ta' sahha u eduakzzjoni, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, u ordni tal-hlas dirett mill-paga tal-intimat, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti.

4. Tafda lill-esponenti bil-kura u kustodja tal-minuri D B.

5. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni, f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, mhux necessarjament ugwali;

6. Tapplika kontra l-intimat, is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta in toto jew in parte kontra l-intimat u favur ir-rikorrenti u ghalhekk tiddikjara illi l-intimat, b'effett mid-data

stabbilta minn dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-istess intimat irrenda ruhu hati tal-firda, iddekada minn sehemu fil-komunjoni tal-akkwisti; tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili, kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b'donazzjoni bi hsieb ta' zwieg jew wara z-zwieg jew b'titolu iehor gratwitu, minn ghand r-rikorrenti, illi ghalhekk għandu jigi rritornat lilha, kif ukoll kull jedd ghan-nofs tal-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma tar-rikorrenti, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghar-rikorrenti.

7. Tiddikjara illi l-fond X, 1884, sokak No: X gewwa Turkija hu proprjeta parafernali tar-rikorrenti u li l-inimat m'ghandu l-ebda jedd ta’ kwalunkwe' xorta dwar dan il-fond.

8. Tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti u tassenja l-istess assi lir-rikorrenti

Bl-ispejjez kontro l-intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda[2] tal-attriċi u d-dokumenti annessi;[3]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati,[4] fejn ġie eċċepit:

*“Illi fl-ewwel lok l-attriċi għandha tesebixxi ċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha sabiex tiġi iddeterminata d-data taż-żwieġ u dan stante li fir-rikors ġuramentat hemm iddikjarat id-data 3 ta’ Jannar 2015 filwaqt li fl-ittra tal-medjazzjoni hemm indikat it-3 ta’ Jannar, 2014;*

*Illi f’dan l-istadju l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw li jippreżentaw risposta ulterjuri fi stadju ieħor tal-proċeduri jekk jkun il-każ;*

*Illi bla preġudizzju għal dan l-attriċi triq tressaq provi  sabiex tipprova t-talbiet tagħha;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri”*

[2] Fol 3
[3] Fol 4-5 u fol 7 sa 9
[4] Fol 17a

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati[5];

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet MR No 40/2013;[6]

Rat id-digriet tal-4 ta' Mejju, 2021 fejn l-attriċi ġiet awtorizzata sabiex tipproċedi fil-kawża skont l-artikolu 930 tal-Kap 12 u rat li l-attriċi kkonfermat l-ittra ta' medjazzjoni bil-ġurament tagħha hekk kif jirriżulta minn fol 4;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara lill-żewġha l-konvenut C B hu unikament ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u fost ir-raġunijiet li tagħti l-attriċi żewġha huwa ħati ta' adulterju, abbandun totali u qerq. In oltre fit-talbiet tagħha l-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali, u sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallas manteniment għaliha u għal binhom minuri b'talba li dan il-manteniment jinkludi l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni għat-tifel tal-partijiet. L-attriċi titlob sabiex tiġi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri. In oltre` titlob sabiex jiġu applikati s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 et seq tal-Kap 16 kontra l-konvenut, u sabiex il-Qorti tiddikjara li l-fond Osman Gazi Mahallesi, 1884, sokak No 20 ġewwa t-Turkija bħala proprjeta parafernali tal-istess attriċi, u sabiex tillikwida l-assi parafernali tal-attriċi u li jiġu assenjati lilha.

**Is-Separazzjoni Personali, u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

*Provi u Verżjoni tal-Attriċi*

Seduti Quddiem l-assistent ġudizzjarju:

[5] Fol 18
[6] Fol 50

<u>13 ta' Jannar, 2022</u>
Ma sar xejn peress li x-xhieda nġunti ma ngħatawx l-eżenzjoni mis-sigriet professjonali;

<u>2 ta' Marzu 2022</u>

Xehdet Gabriella Marmara in rappreżentanza ta' APS Bank li xehdet li ma setgħetx tixhed stante li ma kellhiex l-eżenzjoni.
Għal din is-seduta kien hemm preżenti wkoll rappreżentanti tal-Banek BOV, APS u BNF;

<u>2 ta' Mejju, 2022</u>

F'din is-seduta ma sar xejn għall-istess raġunijiet;

<u>26 ta' Settembru, 2022</u>

F'din is-seduta l-avukat tal-attriċi infurmat l-assistent ġudizzjarju li kienet infurmat ir-rappreżentant tal-Immigration bis-seduta, iżda dan baqa' ma deherx u ma sar xejn.

<u>Seduta 16 ta' Novembru, 2022</u>
L-assistent ġudizzjarju inqabdet quddiem il-Qorti u għalhekk is-seduta ma setgħetx issir.

<u>Seduta 18 ta' Jannar, 2023</u>

<u>Xehdet Charmaine Psaila Raji in rappreżentanza ta' APS Bank.</u>
Ix-xhud xehdet li l-bank intalab sabiex jixhdu fuq il-partijiet. Fir-rigward tal-attriċi ma rriżultax li kien hemm relazzjoni bankarja u fir-rigward tal-konvenut stante li ma ngħatawx l-*identification number* tiegħu, r-riċerka saret biss bl-isem tiegħu fejn ma rriżulta xejn fil-perjodu mitlub.

<u>Xehed Daniel Azzopardi in rappreżentanza ta' BNF Bank</u>
Xehed li mill-verifiki li għamel irriżulta li l-attriċi għandha kont tat-tip *current account* liema kont jispiċċa bin-numri '1001' u li nfetah fis-17 ta' Mejju, 2019 u

għadu miftuh – u għal liema kont ix-xhud ppreżenta *statement* immarkat bħala Dok. DA 1.[7]

Ix-xhud spjega li ma sab xejn f'isem il-konvenut u kkjarifika li ma ngħatax l-*identification number* tal-istess konvenut.

Xehdet A Attard in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta

Ix-xhud spjegat li fir-rigward tal-attriċi ma sabet xejn u fir-rigward tal-konvenut ma setgħetx tagħmel tfitxija stante li ma ngħatatx in-numru tal-ID card tiegħu.

Xehdet Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' BOV

Ix-xhud xehdet li fir-rigward tal-attriċi din kellha kont wieħed f'isimha personali li jispiċċa bin-numri '4381'. Dan il-kont infetah f'Ġunju 2007 u ngħalaq f'Settembru 2016. Ix-xhud ppreżentat *statement* immarkat Dok JB 1.[8]

Ix-xhud xehdet li rriżulta wkoll li hemm kont ma' terzi iżda ma setgħetx tixhed ulterjorment fuq dan il-kont stante li ma kellhiex l-eżenzjoni għal dan. Xehdet li fin-nuqqas tan-numru tal-ID Card tal-konvenut hijs setgħet tfittex biss bl-isem tiegħu fejn ma rriżulta xejn .

Fuq domanda tal-avukat tal-attriċi: "*Issa hawnhekk hawn withdrawal ta' ten thousand, dik tkun tista ...*[9]

Ix-xhud wieġbet:

*"Mit-2017 sallum nista nagħti informazzjoni. The information is purged electronically, għax jiena kieku transaction mit-2017 sallum, I will ask the person, normalment il-kaxxier meta jkun hemm quddiemu jikkija l-ID card number tal-klijent li jkollu quddiemu. I will ask for the id number in that field. Kieku 2017 sallum pero 2014 those details would have been deleted."*[10]

Xehed Patrick Bugeja in rappreżentanza ta' Identity Malta

[7] fol 88- 97
[8] fol 98-101
[9] fol 84
[10] fol 85

Ix-xhud spjega li ġie mitlub jixhed rigward karta ta' residenza ta' C B fejn xehed:

"*Dan kellu l-karta tar-residenza maħruġa għax kien miżżewweġ maltija u kellu l-exempt u din il-karta ta' residenza kienet valida mill-20 ta' Jannar 2014 u kienet valida sad- 19 ta' Jannar, 2019"*[11]

Ix-xhud esebixxa l-applikazzjoni li kien għamel il-konvenut Dok PB 1.[12]
Fuq domanda tal-avukat tal-attriċi jekk wara s-sena 2019 kien hemm applikazzjoni oħra x-xhud wieġeb li ma kien hemm xejn .

Fir-rigward tal-minuri l-attriċi ppreżentat rikors *pendente lite* datat 13 ta' Mejju, 2015, fejn l-attriċi tagħmel referenza għall-minuri D B, iben il-partijiet li twieled fis-26 ta' April, 2014. F'dan ir-rikors hija tispjega li l-minuri jattendi b'mod regolari s-*CDAU* u għal dan esebiet dokument immarkat Dok. A. (F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għal fol 22 sa 40) Fir-rikors tagħha tkompli billi tgħid li l-minuri jkollu bżonn diversi interventi li jirrikjedu l-kunsens taż-żewġ ġenituri iżda minħabba li l-konvenut ma jgħix hawn Malta qed issib diffikulta` u dawn l-interventi kellhom jiġu sospiżi. Fħalhekk permezz tar-rikors in kwistjoni l-attriċi talbet sabiex ikollha l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri D B, u sabiex il-Qorti tordna li l-istess minuri ikun jista' jieħu kull kura neċessarja mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li kull darba l-attriċi titlob l-awtorizazzjoni tal-Qorti. In oltre` l-attriċi talbet sabiex tiġi awtorizzata tiffirma kull-applikazzjoni meħtieġa rigward edukazzjoni, duttrina u safar tal-minuri.

Il-kuraturi deputati ppreżentaw risposta fejn inter alia wieġbu li: *bla preġudizzju u fl-aħjar interessi tal-minuri u fid-dawl li d-deċiżjoni fuq dawn it-talbiet huwa pendente lite, ma għandhomx oġġezzjoni għat-talbiet.*[13]

B'digriet tad-9 ta' Settembru, 2021 il-Qorti laqgħet it-tieni, it-tielet, ir-raba` u l-ħames talbiet, iżda f'dak l-istadju l-Qorti ma kenitx laqgħet it-talba tal-attriċi għall-kura u kustodja esklussiva.

Dokumenti oħrajn esebiti mill-attriċi jinkludu ċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet[14]

---

[11] fol 85
[12] fol 102 sa fol 107
[13] fol 45
[14] fol 50 – data taż-żwieġ tal-partijiet 03 01 -2014

u ċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri[15].

*Provi u Verżjoni Konvenut*

Il-Qorti tirrileva li l-konvenut assenti rappreżentat minn kuraturi deputati, ma ressaq l-ebda provi, u għalhekk hija sprovvista mill-verżjoni tiegħu.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*a. Artikolu 35 et seq tal-Kodiċi Ċivili: Rigward is-Separazzjoni Personali:*

Il-liġi tistipula illi *"Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59".*[16] Ir-raġunijiet li abbażi tagħhom tista' tintalab is-separazzjoni huma: (i) Artikolu 38 li jitratta l-adulterju, (ii) Artikolu 40 li jitratta eċċessi, moħqrija, theddid u nġurji gravi, jew għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabilment u (iii) Artikolu 41 li jitratta l-abbandun.

*b. Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offiżi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jgħid hekk:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

[15] fol 8
[16] Artikolu 36 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

F’dan ir-rigward il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal każ fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[17] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b’suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b’mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta’ xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f’Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F’dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[18] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[19] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta’ moħqrija, *“Ċerti fatti, kliem u modi ta’ azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi”* u fir-rigward ta’ inġurji u offizi gravi li dawn *“ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta’ l-Imħallef sabiex jivvalutahom”,* filwaqt li ġew definiti bħala li *“jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta’ dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz”*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *“att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta’ serjeta’ kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta’ perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra”.*

Min-naħa l-oħra u b’mod speċifiku fir-rigward ta’ theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba’ qatt tirrepeti illi *“Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f’ċerta mġieba ħazina u mhux b’xi atti izolati waqt xi tilwima”.*[20] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista’ bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[21] *“il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, “huwa ferm diffiċli li tiġi*

[17]Deċiża mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta’ Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża mill-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[18]Deċiza mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta’ Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[19]Deċiża mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta’ Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[20]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[21]Deċiża fit-3 ta’ Ottubru 2003.

*superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[22]; *Skond l-istess Qorti* "*Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[23]

Dwar L-Adulterju: Dan ukoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi. Skont l-artikolu 38 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta: *"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."* In oltre` il-ġurisprudenza konstanti tagħna tirritjeni illi*: "L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali."*[24] Min jallega l-adulterju jrid fattwalment jagħti prova. Fil-kawża Rose Gauci vs Salvatore Gauci il-Qorti qalet: *"...l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra. Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' April 1953 fil-kawża fl-ismijiet Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V. Grech et noe (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iktar gravi għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali; iżda stante d-diffikulta tal-prova kif turi l-assenza ta' disposizzjoni legislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordant, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika"*[25]

Dwar l-Abbandun. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."*

Fil-kawża Josephine Anne Edwards vs L-Avukat Dr Joseph H .Xuereb noe[26] il-Qorti sostniet:
*" Skont l-artikolu 48 (illum 41) jikkostitwixxi ġusta kawża għas-separazzjoni l-abbandun ta' parti lill-oħra mingħajr raġuni tajba jekk idum għal sentejn jew iżjed..."*

[22]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[23]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[24] **Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru, 2003 mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili (Ċit Nru. 98/2002/1 RCP)
[25] Vide: **Maria dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deċiża nhar is- 27 ta' Novembru, 2003 mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili (Ċit Nru. 1715/2001/1 )
[26] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Frar, 1961

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Il-Qorti rat li l-verżjoni tal-attriċi hija limitata għal dak li hija ddikjarat u kkonfermat bil-ġurament tagħha fir-rikors promotur u dak li ddikjarat fir-rikors *pendente lite* datat 13 ta' Mejju, 2021. Hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet esebit in atti, il-partijiet iżżewġu fit-3 ta' Jannar, 2014 hawn Malta fir-Reġistru Pubbliku. Skont dak ikkonfermat mill-attriċi fir-rikors promotur tagħha, l-konvenut m'għadux fil-gżejjer Maltin iżda ma telaborax iktar minn hekk. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda tar-rappreżentant tal-Identity Malta, fejn l-istess xhud rappreżentant esebixxa l-applikazzjoni tar-residenza tal-konvenut assenti u kkonferma li wara s-sena 2019, l-istess konvenut ma kienx ippreżenta applikazzjoni oħra.

Madanakollu l-Qorti tirreferi għad-dokument esebit mill-attriċi stess fir-rigward tat-tifel minuri D B u skont dan id-dokument jirriżulta s-segwenti:

" *D was referred by Dr Farrugia through the Child Development Assessment Unit due to behaviour and hyperactivity.*
***He used to live in Turkey and settled in Malta in March 2019****. He did not receive kindergarten instruction. D started attending speech therapy in September, 2019 …"*[27]

L-istess jirriżulta minn dokument ieħor esebit mill-attriċi a fol 26:

"*The child's mother is Maltese while the father is from Turkey.* **D was born in Malta however he lived in Turkey between 4 months and 5 years of age. The child has irregular contact with his father ..."** [28]

In vista ta' dan, jidher li l-partijiet iżżewġu hawn Malta fl-2014. Skont dak li jirriżulta mid-dokumenti tas-*CDAU* meta iben il-partijiet kellu erba' (4) xhur huwa kien qed jgħix it-Turkija u b'hekk il-minuri kien qed jgħix hemm mal-ġenituri tiegħu u ċioe` l-partijiet. Skont l-istess dokument kien fis-sena 2019 li l-attriċi rritornat lura Malta mal-minuri.

[27] Fol 22- 25 *Occupational Therapy Summary Report* ta' Francianne Bonnici Allied Health Practioner.
[28] fol 26 Child Development Assessment Unit = Date of Assessmentt 17/6/2020.

Il-Qorti ma ngħatatx iktar dettall fuq x'wassal lill-attriċi sabiex tirritorna hawn Malta u l-Qorti ma tistax tispekula f'dan ir-rigward. L-attriċi kellha l-opportunita` li tressaq il-provi tagħha, iżda għażlet li ma telaborax fuq ir-relazzjoni u ż-żwieġ tal-partijiet, u x'ġara bejniethom. Il-fatt waħdu li llum hi tgħix hawn Malta ma binha u l-fatt li l-konvenut huwa assenti minn Malta mhuwiex biżżejjed biex il-Qorti ssib lill-konvenut ħati ta' abbandun jew għal xi ħtija oħra kontemplata fil-liġi, u dan iktar u iktar meta mid-dokumenti li jinsabu in atti u esebiti minnha stess dawn juru li sal-2019 l-attriċi stess ma kenitx qiegħda tirrisjedi hawn Malta iżda t-Turkija.

L-istess jingħad fir-rigward tal-allegat adulterju tal-konvenut assenti. L-attriċi naqset milli-tippreżenta xi forma ta' prova fuq dak allegat minnha u dan għaliex għajr għad-dokumenti relatati mal-minuri (tas-CDAU) u dokumenti relatati mal-kontijiet bankarji, ma jirriżulta xejn mill-atti li b'xi mod jixħet id-dawl fuq il-konvivenza matrimonjali tal-partijiet. Madanakollu u bħala stat ta' fatt, mhux kontestat, il-partijiet illum ilhom għal snin jgħixu ħajja separata u f'pajjiżi differenti u dan tant li l-attriċi bil-ġurament tagħha ddikjarat li m'għandiex indikazzjoni ta' indirizz tal-konvenut assenti. F'dan is-sens xehed ukoll ir-rappreżentant tal-Identity Malta li kkonferma li wara l-2019 (u ċioe wara li skada il-permess ta' residenza tal-konvenut) il-konvenut qatt ma applika biex ikollu permess validu biex jgħix f'Malta u għaldaqstant skont dak li jidher mill-atti l-partijiet ilhom jgħixu ħajjiet totalment separata mis-sena 2019.

Għalhekk abbażi ta' dan, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment għaliex il-ħajja flimkien mgħadhiex aktar possibbli. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet sabiex tasal għal konklużjoni li hemm lok għall-firda personali tal-partijiet stante li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli abbażi tal-artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

## 2. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:

L-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut, id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu

applikati fil-konfront tal-intimat *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, u stante n-nuqqas ta' provi da' parti tal-attriċi, l-Qorti m'hijiex ser tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi ai termini tal-artikolu 48 et seq kontra l-konvenut.

**3. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi l-partijiet iżżewġu nhar it-3 ta' Jannar, 2014 ġewwa Malta u għal xi żmien baqgħu jirrisjedu hawn Malta.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet u konsegwentement għandu jibda japplika mill-lum ir-reġim tas-separazzjoni tal-beni.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom, u Elenku ta' dak kollu li huwa Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tal-Istess*

Il-Qorti tara li l-uniċi provi li tressqu l dwar il-konsistenza ta' dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti huma provi fuq il-kontijiet bankarji lokali li hemm f'isem il-partijiet, u minn liema provi jirriżulta li f'isem l-attriċi għandha kont kurrenti mal-BNF bank. Dan il-kont infetah fis-17 ta' Mejju 2019 u għadu miftuh. Mill-istatement esebit mir-rappreżentant tal-bank jirriżulta li prinċipalment, u apparti xi *cash deposits*, f'dan il-kont jidħlu l-ħlasijiet li jsiru lill-attriċi mis-Sigurta` Soċjali, li l-Qorti m'għandhiex informazzjoni ulterjuri dwarhom u li dan il-kont jintuża għall-ħajja ta' kuljum, fejn sal-1 ta' Novembru, 2023 kien hemm bilanċ ta' €2,031.17.

Il-Qorti tinnota li l-konvenut assenti, hekk kif debitament rappreżentat mill-kuraturi deputati, m'għamel l-ebda mistoqsijiet lix-xhud rappreżentant tal-bank fuq dan il-kont.

Il-Qorti qiegħda tassenja dan il-kont li l-attriċi għandha mal-BNF Bank u li jispiċċa bin-numri '1001' u li nfetaħ fis-17 ta' Mejju, 2019 interament lill-attriċi.

Jirriżulta li l-attriċi ma ressqet l-ebda provi ulterjuri dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk il-Qorti mgħandha xejn iktar x'tillikwida u x'tassenja lill-partijiet. In oltre`, filwaqt li fis-seba` talba tar-rikors ġuramentat l-attriċi titlob lill-Qorti sabiex "*tiddikjara illi l-fond X, 1884 sokak No X gewwa Turkija hu proprjeta parafernali tal-attriċi u li l-intimat m'għandu l-ebda jedd ta' kwalunkwe xorta dwar dan il-fond*" ma ssemma xejn iktar u wisq anqas ma tressqet l-ebda prova oħra dwar dan il-fond. L-attrici bl-ebda mod ma ppruvat illi l-fond in kwistjoni hu propjeta` parafernali tagħha.

Dwar it-talba tal-attriċi sabiex tiġi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri:

Il-Qorti tirrileva illi fi kwistjonijiet ta' natura daqshekk delikata dwar il-minuri, trid neċessarjament tittieħed fl-aħjar interessi tal-minuri u dan qiegħed jingħad in linea tal-kawża **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[29], **Scicluna Maria Dolores sive Doris vs Scicluna Anthony[30], u Sylvia Melfi vs Philip Vassallo, [31]**liema sentenzi jaffermaw il-prinċipju li l-Qorti għandha tħares biss lejn dak li huwa l-ikbar vantaġġ għall-minuri. Huwa għalhekk irrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għall-minuri in kwistjoni. In fatti hawnhekk ġie ritenut li:

***"Il-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika, sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera, u f'dik lokali, hija regolata mill-prinċipju ta' l-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess ta' l-istess tfal li ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġerixxu. In***

[29] Deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Rik. Nru. 1396/2001)
[30] Deċiża nhar is- 27 ta' Novembru 2003 mill-Qorti Ċivili ( Sezzjoni Familja) Ċit. Nru 1715/2001
[31] Deċiża nhar il-25 ta' Novembru 1998 mill-Qorti tal-Appell

***konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta il-konjuġi jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment"***

Il-Qorti imbagħad kompliet telabora dwar il-kwistjoni tal-kura u l-kustodja f'każ li l-ġenituri tal-minuri ma jibqħux jgħixu taħt l-istess saqaf u l-istess Qorti ddikjarat li:

"***Il-kura u l-edukazzjoni tat-tfal, fil-każ li l-mara ma tibqax tgħix mar-raġel, trid dejjem tiġi affidata lil dak, fost il-miżżewġin li jiġi rikonoxxut bħala aktar adatt u idoenju sabiex jikkurahom u jedukahom, tenut kont ta' l-eta` tal-istess tfal u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ taħt dawk il-provvediment li jiġu kkunsidrati għall-vantaġġ ta' tali tfal."***

Fis-sentenza ta' **Melfi vs Vassallo** il-Qorti tal-Appell qalet**:**

***"In this case the court must do what is the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child...***

***.... The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegations, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneslef from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the Court to always look for the interests of the child."***

Il-Qorti tirrileva illi hekk kif jirriżulta mill-atti, meta l-attriċi rritornat Malta għal ħabta tal-2019, ħadet ħsieb li l-minuri jibda jiġi segwit mis-CDAU fl-isptar *St Lukes* Gwardamangia u dan naturalmenent minħabba ċertu *challenges* u diffikulatijiet li kien qed ikollu l-minuri fl-iżvillup tiegħu. Mid-dokumenti "*the*

*child could be manifesting symptoms related to Austims Spectrum Disorder. (ASD) However one needs to take note of the fact that D came from an environment with very limited interaction with people. Moreover the child has never attended kindergarten. This could indicate that D's difficulties in behaviour and sensory issues including his delay in speech and language development may be secondary to poor exposure or lack of stimulation in the early years."*[32]

Il-Qorti tagħmel referenza għall-konklużjonijiet tal-istess rapport li jidher li ġie mhejji kważi erba` snin ilu:

" *D's level of cognitive functioning is within the mild cognitive deficit range (FSIQ= 51), thus indicating general learning difficulties. This is an identification of areas of difficulty which necessitate immediate intervention. D demonstrates significant difficulties in learning and associated literacy difficulties.*

*-Taking this into consideration, sustained support is highly needed within the classrom environment ....*

*In view of this, the attention of the school is being drawn to initiate procedure so that a referral is forwarded to the Statementing Moderating Panel to evaluate D's need for support;*

*-Access Examinations Arrangements including a reader, a prompter and extra time are highly recommended during examinations conisdering the child's difficulty in literacy and learning.*

*-It is highly recommended that D will continue atteending Speech Therapy sessions.*

[32] fol 39

*Further assessment at CDAU is recommended at a later stage, once the child starts the new schlastic year, as to evluate further D's learning profile and social responsiveness.*

*Through the above adaptations and recommeendations, D is likely to gradually improve towards his full potential."*[33]

Illi għalhekk u anki fid-dawl tal-posizzjoni li ħadu l-kuraturi deputati fir-risposta tagħhom tas-26 ta' Awwissu, 2021[34] u d-digriet ta' din il-Qorti tad- 9 ta' Settembru, 2021, u wara t-trapass ta' snin sussegwenti għal dan id-digriet, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-liġi li huwa fl-interess suprem tal-minuri, li huwa jkun taħt il-kura u kustodja esklussiva tal-attriċi fejn il-minuri għandu jingħata ambjent stabbli sabiex hekk kif indikat mill-professjonisti konċernati, gradwalment jilħaq il-potenzjal tiegħu. Konsegwentement il-Qorti ser tilqa' r-raba` talba tal-attriċi.

Dwar it-talba tal-attriċi sabiex il-konvenut jiġi ordnat sabiex iħallas lill-attriċi retta alimentarja għaliha u għat-tifel tal-partijiet sakemm jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji relattivi skont liema tavvera ruhha l-ewwel.

Rigward it-talba tal-attriċi għall-manteniment għaliha:

Il-Qorti tirrileva li l-attriċi ma ressqet l-ebda provi dwar din it-talba tagħha u lanqas ma indikat jekk taħdimx jew le u x'inhuma (jekk jeżistu) l-bżonnijiet tagħha għaldaqstant in vista tan-nuqqas ta' provi l-Qorti ser tiċħad din il-parti tat-tielet talba tal-attriċi.

[33] fol 40
[34] fol 45

Rigward it-talba tal-attriċi għall-manteniment li għandu jħallas il-konvenut lill-attriċi għall-bżonnijiet, saħħa u eedukazzjoni tal-minuri:

Din it-talba hija konsegwenzjali għat-talba relatata mal-kura u l-kustodja tal-minuri. Ġjaladraba l-Qorti qiegħdha tiddeċiedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tiġi fdata f'idejn l-attriċi b'mod esklussiv allura dan neċessarjament ifisser li l-konvenut għandu jikkontribwixxi għall-għixien ta' ibnu billi jħallas manteniment għalih favur l-attriċi. Dan qiegħed jingħad il-linea ta' ġurisprudenza, fosthom il-kawżi **Portelli Jenifer pro et noe vs. Portelli John**[35] f'liema sentenza saret referenza għall-artikoli 3, 3B u 7 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdu:

Artikolu 3: " ***Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jman tnu lil xulxin u jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja."***

3B: ***"Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjoni ta' l-ulied."***

7: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu uj jedukaw lil*** uliedhom ***bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodiċi."***

F'din is-sentenza l-Qorti qalet:

*"Abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess...*

*... Kif għandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wieħed mill-ġenituri, tvarja minn każ għal każ, u ħafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bżonnijiet tal-*

[35] Deċiża nhar il-25 ta' Ġunju, 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ċit. Nru 2668/1996)

*istess minuri, pero` xorta jibqgħu veljanti u skjetti l-prinċipji li jirregolaw l-istess dimirijiet u obbligazzjonijiet tal-ġenituri verso l-istess ulied, speċjalment għall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li għalhekk jinkludu kontribuzzjoni għall-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni u spejjeż meħtieġa għall-istess saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom skond il-bilanċ bejn il-bżonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-subartikolu ta' l-istess artikolu 20."*

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu għall-manteniment tal-minuri m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu assolut.

Fil-każ odjern hemm il-partijiet għandhom tifel wieħed.

Illi filwaqt li l-attriċi ma ppreżentat l-ebda provi dwar l-ispejjeż relatati mat-trobbija u bżonnijiet ta' binha l-minuri, huwa ovvju li t-tfal jfissru spejjeż u skont dak li jirriżulta mill-atti l-minuri in kwistjoni ser ikollu bżonn iktar għajnuna mis-soltu minħabba l-isfidi li għandu hekk kif jirriżulta mid-dokumenti prodotti tas-CDAU, li konsegwentement ifisser iktar spejjeż.

Tenut kont li l-attriċi sejra tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri, u għalhekk ir-responsabbilita` tal-istess minuri sejra tiġi fdata lilha b'mod esklussiv, u tenut kont tal-fatt li l-attriċi ddikjarat li l-konvenut ma jgħix hawn Malta, dan neċessarjament ifisser li l-istess attriċi qiegħda tikkontribwixxi għall-istess minuri mhux biss b'mod finanzjarju iżda l-attriċi ser iġġor il-piż wkoll f'kull f'aspett ieħor u waħedha stante li l-minuri ser jgħix esklussivament ma' parti waħda u ċioe` l-attriċi, u l-minuri ser ikun taħt ir-resposnabbilita` esklussiva tagħha. Il-Qorti għalhekk qiegħdha tillikwida l-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attriċi għall-bżonnijiet ta' ibnu l-minuri, kull xahar fl-ammont ta' tlett mija u ħamsin Ewro fix-xahar (€350). Dan l-ammont jinkludi wkoll sehem il-konvenut tal-ispejjeż kollha ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

In oltre` dan il-manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas dan il-manteniment sakemm il-minuri jagħlaq it-tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġiorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dan it-tifel jagħlaq l-eta` ta' tlieta (23) u għoxrin sena jew sakemm itemm l-istudji full-time tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Il-Qorti tordna wkoll li kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-*Childrens Allowance* għandu ikun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri jiddeċiedi li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena, il-manteniment pagabbli mill-konvenut għandu jitħallas direttament lit-tifel.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' in parte l-ewwel talba tal-attriċi u dan billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

2. Tiċħad it-tieni talba stante nuqqas ta' provi;

3. Fir-rigward tat-tielet talba tiċħad dik il-parti ta' din it-talba fejn l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenut sabiex iħallas manteniment għaliha u dan stante nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward, filwaqt li tilqa' dik il-parti tat-tielet talba fejn l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallasha manteniment għall-bżonnijiet tal-minuri D B, u konsegwentement il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) fix-xahar, fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar bħala

manteniment għall-minuri u liema somma tinkludi wkoll is-sehem li għandu jħallas il-konvenut rigward spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri. In oltre` dan il-manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas dan il-manteniment sakemm il-minuri jagħlaq it-tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġiorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dan it-tifel jagħlaq l-eta` ta' tlieta (23) u għoxrin sena jew sakemm itemm l-istudji full-time tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Il-Qorti tordna wkoll li kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-*Childrens Allowance* għandu ikun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri jiddeċiedi li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena, il-manteniment pagabbli mill-konvenut għandu jitħallas direttament lit-tifel.

4. Tilqa' ir-raba` talba tal-attriċi u tordna u tafda l-kura u kustodja tal-minuri D B lill-attriċi esklussivament. Bl-Applikazzjoni tal-artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti tordna li r-residenza tal-minuri għandha tkun hawn Malta mal-attriċi u li l-attriċi tista' tieħu d-deċiżjonijiet kollha, kemm dawk ordinarji kif ukoll dawk straordinarji fir-rigward ta' dak kollu li għandu x'jaqsam mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-minuri, il-ħruġ ta' passaport, u attivitajiet extra-kurrikulari, u dan fl-interess suprem tal-minuri.

5. Tilqa' in parte l-ħames talba tal-attriċi u dan billi tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tiddikjara li mill-lum għandu japplika r-reġim tas-separazzjoni tal-beni. In oltre tordna li kull kont bankarju li l-attriċi għandha f'isimha personali tiġi assenjata esklussivament lilha.

6. Tiċħad is-sitt, is-seba u t-tmien talba stante nuqqas ta' provi;

Il-Qorti, filwaqt li tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa **40/13**, tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum minn mindu s-sentenza ssir res judicata.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.